MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**JOSEPH S. REFALO**

Seduta tat-18 ta' Gunju, 2004

Talba Numru. 2447/2003

**Montaldo Insurance Agency Ltd bhala agenti u in rappresentanza tas-socjeta` estera American Home Assurance Company, ta' 98/2 Melita Street, Valletta kif surrogata fid-drittijiet ta' l-assigurata taghha Maureen Fava u l-istess Maureen Fava**
**vs**
**Patrick Saviour Mc Bride**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fid-9 ta' Dicembru, 2003, fejn intalab li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lill-atturi s-somma ta' tlett mija u tlieta u sebghin Liri Maltin u tlieta u hamsin centezmu (Lm373.53) dovuti in kwantu ghas-somma ta' tlett mija u tnejn u tletin lira u tlett centezmi (Lm332.03) bhala danni kagunati fil-vettura ta' l-attrici Maureen Fava, hdax-il lira u hamsin centezmu (Lm11.50) prezz ta *survey*, u tletin lira (Lm30) kwantu ghal hamest ijiem telf ta' uzu tal-vettura MOE 059, u dan b'rizultat ta' l-**

**incident stradali li sehh fl-20 ta' April 2003 fi Triq Santu Wistin San Giljan, waqt li l-istess konvenut kien qed isuq l-vettura ZAC 181 ta' propjeta' tieghu stess u dahal gol-vettura bin-numru ta' registrazzjoni MOE 059 propjeta' tal-attrici Maureen Fava u misjuqa minnha stess ghal liema incident kien unikament responsabbli il-konvenut Patrick Saviour Mc Bride kawza ta' imprudenza, negligenza u non-osservanza tar-regolamenti tat-traffiku.**
**Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali ppresentata kontestwalment ma dawn il-proceduri u bl-imghaxijiet sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.**

**Ra l-kapitolu prezentat mill-atturi fl-10 ta' Gunju, 2004, ghas-subizzjoni tal-konvenut. Ra li l-konvenut baqa' ma deherx u lanqas ma pprezenta risposta.**

**Ghaldaqstant, peress illi t-talba tirrizulta pruvata, it-Tribunal qed jilqa' t-talba attrici u jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-atturi s-somma ta' tlett mija u tlieta u sebghin Liri Maltin u tlieta u hamsin centezmu (Lm373.53) bl-imghax legali mid-9 ta' Dicembru, 2003, bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali prezentata kontestwalment mal-avviz, kontra l-konvenut.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------